



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13027/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 55
TRANS 614
TELECOM 385
ENER 475

ABBOZZ TA' MINUTI

LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u **Enerġija**)

30 ta' Settembru 2022

WERREJ

Paġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

2. Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija 3
3. Aktar għażliet ta' politika biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-gass 3

Affarijiet oħra

4. Tnixxija ta' gass mill-pipelines ta' Nord Stream I u II 3
- ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 4

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

2. **Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija** (*) 12428/22
Qbil politiku

Il-Kunsill kellu diskussjoni u laħaq qbil politiku dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija.

3. **Aktar għażliet ta' politika biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-gass** 12427/22
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar aktar għażliet ulterjuri ta' politika biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-gass.

Affarijiet oħra

4. **Tnixxija ta' gass mill-pipelines ta' Nord Stream I u II** 12426/22
Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, Ġermaniża u dik Żvediża

Il-Kunsill ġie infurmat mid-delegazzjoni Daniża, Ġermaniża u Żvediża dwar it-tnixxija ta' gass mill-pipelines Nord Stream I u II.

Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 12813/22 + COR 1**(de)**

Dwar il-punt "B" **Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu**
nru 2: **indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija**
 Qbil politiku

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa u hija konvinta li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija għall-konsumaturi u n-negozji.

L-Estonja tirrikonoxxi l-oġettivi tar-Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u, fi spirtu ta' għaqda bejn l-Istati Membri, taqbel mat-test tal-qbil politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-Artikolu 13 dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà temporanja obbligatorja, l-Estonja tinterpreta l-Artikolu 13.2 b'mod li s-sistema tat-taxxa fuq ir-riżorsi domestiċi diġà eżistenti fl-Estonja għall-utenti ta' riżorsi minerali enerġetiċi, li fiha rabta ċara bejn il-prezzijiet globali tal-komoditajiet taż-żejt u r-rata li l-kumpaniji huma intitolati li jħallsu għad-drittijiet tal-użu tar-riżorsa, hija miżura ekwivalenti għall-kontribuzzjoni ta' solidarjetà u diġà qed tissodisfa oġettivi simili.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet tat-taxxa futuri, l-Estonja tkompli tinsisti fuq il-bażi legali xierqa (l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u r-rekwiżit tal-unanimità li tippreskrivi."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA U L-LATVJA

"Fir-rigward tad-distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul, l-Estonja u l-Latvja jinterpretaw l-Artikolu 9.1 li jirrikjedi li jiġi żgurat li s-surplus tad-dħul jintuża b'appoġġ għall-klijenti finali tal-elettriku bil-mod li ġej:

L-Estonja u l-Latvja ser jiżguraw li s-surplus tad-dħul kollu li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-limitu massimu jintuża billi jiġi investit fl-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli. Id-dħul inframarġinali ser jiġi kontabilizzat u rrapportat iżda mhux miġbur. Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħna, id-dħul li jista' jinkiseb mill-implimentazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq ikun insinifikanti. Aħna nikkonkludu li l-konsumaturi tal-Estonja u tal-Latvja ser jibbenefikaw l-aktar mid-dħul inframarġinali kontabilizzat jekk il-kumpaniji jimpenjaw ruħhom li jinvestu direttament il-profitti żejda fil-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KROAZJA U S-SLOVENJA

"Ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja jtennu l-pożizzjonijiet tagħhom li l-possibbiltà ta' appoġġ għandha tiġi estiża għall-parteċipanti kollha tas-suq. Billi l-impatt ta' prezzijiet għoljin jaffettwa għadd ħafna akbar ta' parteċipanti tas-suq milli kumpaniji żgħar u ta' daqs medju biss, il-possibbiltà ta' prezzijiet regolati għandha tkun disponibbli għall-konsumaturi u l-kumpaniji kollha."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Id-delegazzjoni Ungeriża tesprimi r-riżerva tagħha dwar l-għażla tal-bażi legali ta' dan ir-Regolament, peress li l-Artikolu 122 TFUE ma jistax ikun l-unika bażi legali għall-kontribuzzjoni ta' solidarjetà, li jinkludi dispożizzjonijiet ta' natura fiskali, li għandhom jiġu diskussi u adottati kif meħtieġ b'unanimità."